A.L. 84 ta' l-2008

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2008 dwar Indikazzjonijiet dwar in-Nutrizzjoni u s-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Indikazzjonijiet dwar in-Nutrizzjoni u s-Saħħa.

(2) Dawn ir-regolamenti jikkonsistu fid-dispożizzjonijiet neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru, 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel.

Ħatra ta' l-Awtorità Kompetenti.

2. Id-Direttorat responsabbli għal oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* qiegħed hawnhekk jiġi maħtur bħala l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fir-Regolament (KE) Nru. 1924/2006, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-Awtorità Kompetenti.

Notifikazzjoni lill-Awtorità Kompetenti.

3. (1) Sabiex jiffaċilita monitoraġġ effiċjenti, meta xi ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li hu mniżżel fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru. 1924/2006, jew indikazzjoni dwar is-saħħa titqiegħed fis-suq għall-ewwel darba, il-manifattur jew l-importatur għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti billi jagħti eżemplari tat-tikketta wżata għall-prodott.

(2) Fil-każ ta' ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar is-saħħa li tqiegħed fis-suq qabel ma ddaħħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, in-notifikazzjoni preskritta fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2008. Oġġetti ta' l-ikel li ma kinux ġew notifikati sa dik id-data għandhom jitneħħew mis-suq bi spejjeż tal-manifattur jew ta' l-importatur.

(3) (a) Fil-każ ta' ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li tqiegħed fis-suq qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-

regolamenti, in-notifikazzjoni preskritta fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir mhux aktar tard minn:

(i) it-30 ta' Ġunju, 2008 għal ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jirreferu għax-xaħam;

(ii) il-31 ta' Diċembru, 2008 għal ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jirreferu għall-enerġija;

(iii) it-30 ta' Ġunju, 2009 għal ikel li fuqu jkollu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li ma humiex dawk imsemmija fil-paragrafi (i) u (ii).

(b) Oġġetti ta' l-ikel li ma ġewx notifikati fid-dati preskritti fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) għandhom jitneħħew mis-suq bi spejjeż tal-manifattur jew l-importatur.